16 ta' Novembru, 1933.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Nazzareno Ciantar *versus* Avukat Dr. Victor Frendo et ne.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Kawżali — Appell.**

*Jekk talba għar-ripreża tal-pussess ta' fond quddiem il-Board tal-Kera tkun bażata fuq żewġ kawżalijiet, u l-Board jakkolji waħda minn dawk il-kawżalijiet u għalhekk ma jidħolx fil-kawżali l-oħra, u mbagħad fl-appell il-Qorti tat-Tieni Grad ma taqbelx mal-Board u tirrevoka s-sentenza tiegħu kif bażata fuq dik il-kawżali, hemm lok li l-atti jiġu rinvijati lill-Board sabiex il-kawża tiġi trattata u de-*

*ċiża fuq il-kawżali l-oħra li l-Board ma kienx daħal fiha.*

Il-Qorti, — Wara li rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jerqa' jieħu taħt idejh il-fond nru. 21 St. Roque Srteet, Rabat, li kien mikri lil May Cutajar Beck, għax din siefret u ħalliet fil-fond lill-intimat Azzopardi, waqt li hu (ir-rikorrent) għandu bżonn il-fond għal ibnu Agostino Ciantar;

*Omissis;*

Wara li rat id-deċiżjoni tal-Board tal-31 ta' Awissu 1953, li biha laqa' t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-intimat 40 ġurnata żmien, u ordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-intimati rappreżentanti ta' l-imsiefra May Cutajar Beck; billi kkunsidra;

Illi r-rikorrent għandu biss rapporti ġuridiċi ma' l-imsiefra May Cutajar Beck in kwantu din hija l-inkwilina tiegħu;

Illi mill-provi li saru mir-rikorrent jirriżulta li May Cutajar Beck siefret versu l-aħħar tas-sena 1952, u ħalliet fil-fond lill-intimat Francis Azzopardi, li lanqas biss offra ebda prova biex juri li l-post għadu fil-fatt f'idejn l-intimata Cutajar Beck; anzi mid-depożizzjoni ta' l-istess rikorrent jirriżulta li Azzopardi talbu jagħmel l-irċevuta f'ismu, it-tieni darba li mar iħallas wara li siefret Cutajar Beck;

Illi mill-provi li għandu quddiemu l-Board jidher li l-imsemmija Cutajar Beck siefret għal kollox, u allura mingħajr ma jidħol fil-kwistjoni kienx hemm jew le sublokazzjoni (għaliex ma hemmx provi li jistgħu jippermettulu li jinvesti dan il-pont), jekk ir-rikorrent irid il-fond biex jagħtih lil ibnu, ma hemmx raġuni għax għandu jibqa' sospiż id-dritt tal-preferenza tas-sid, għax il-kerrej tiegħu mhux qiegħed jokkupa l-fond, u persuni oħra li qegħdin jokkupawh ma għandhomx dritt li jippretendu "alternative accomodation";

Rat ir-rikors ta' l-intimata May Cutajar Beck (allura rappreżentata mill-kuraturi) u ta' l-intimat l-ieħor Francis Azzopardi, li bih appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talbu li tiġi revokata, u li jiġi inveċe deċiż għar-riġett tad-domanda; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent Ciantar;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

It-talba quddiem il-Board kienet konċepita b'dan il-mod: "Jiena nagħmel it-talba l-għaliex l-inkwilina siefret u ħalliet *fil-fond* lill-imsemmi Azzopardi, u *jiena għandi bżonn* il-fond għal ibni Agostino Ciantar";

It-talba, kif jidher, kellha bażi dupliċi, dik li l-inkwilina siefret għal kollox, u l-oħra li l-attur ried il-fond għal ibnu;

Gara *li l-Board irritjena li l-inkwilina siefret* għal kollox, u qata' l-kawża fuq daqshekk; u minħabba f'hekk ma daħalx fi kwistjonijiet oħra ta' "alternative accomodation"", jew ta' "hardship", li fihom diversament seta' daħal;

Issa, in bażi għall-provi f'din l-istanza, din il-Qorti *tirritjeni* li l-assenza ta' l-inkwilina minn Malta kienet *temporanea*, bla ebda idea li tħalli Malta għal kollox. L-inkwilina ħalliet il-mobbli fil-fond, inkarikat lil Azzopardi biex iħallas il-kera minn somma globali ta' £130 li ħallietlu f'idejh għaldaqshekk, *xtrat mobbli ġodda*, u *rranġat* il-fond bihom. Hija rritornat malli ġiet infurmata bil-kawża, u stqarret illi ġiet lura biex toqgħod permanentement hawn Malta. Taħt dawn il-kontinġenzi ma jistax jingħad li t-talba għandha tiġi milqugħa fuq il-motiv akkolt mill-Board;

*Hu xieraq* li l-kawża *terġa' tiġi rimessa* lill-Board biex dan jieħu konjizzjoni tal-kawżali l-oħra, indipendentement mill-ewwel kawżali issa eskluża;

Għalhekk tiddeċidi;

*Billi tilqa'* l-appell, *tirrevoka d-deċiżjoni* tal-Board, u tordna li l-proċess jerġa' jiġi rimess lill-istess Board sabiex dan jieħu konjizzjoni tat-talba in kwantu bażata fuq il-motiv l-ieħor li r-rikorrent attur irid il-fond għal ibnu, indipendentement mill-motiv ta' l-ewwel, issa eskluż;

*L-ispejjeż kollha sa issa jitħallsu* mill-attur appellat.